ASSOCJAZZJONI SPORT MUTURI u KAROZZI

# REGOLAMENTI AUTOCROSS

# OTTUBRU 2016

**www.asmk.org.mt**

# REGOLAMENTI – AUTOCROSS KLASSI MODIFIED

## 2 Valvi kull Cilindru, 1400cc, Karburatur jew EFI Restricted.

**Riveduti f'Ottubru 2016.**

**SEZZJONI 1.**

**REGOLAMENTI GHAS-SEWWIEQA**

1.1. Kull sewwieq irid joqghod ghal-ezami mediku u tas-sewqan li jistghu jsiru minn tabib u/jew instructor ta' l-ASMK rispettivament kull meta jkun mitlub jghamel dan.

1.2. Ilbies tas-sewwieq.
1.2.1 Is-sewwieq irid jilbes ilbies protettiv, kemm waqt it-tahrig u jilbes Driving Suit waqt il-kompetizzjoni.
1.2.2 L-ilbies jikkonsisti f'helmet ta Standards Full-Face bil-Visor, Zarbun addattat u protectors u mhux T-shirt jew hwejjeg tan-nylon. Is-sewwieqa irridu jilbsu 'Driving Suit' waqt il-Kompetizzjoni. Komma qasira u qalziet shorts mhux permessi waqt Training / competition.
1.2.3 Jekk sewwieq, ghat-tigrija, jigi mhux liebes skond kif indikat hawn fuq, jigi skwalifikat milli jiehu sehem.
1.2.4 L-istess jghodd ghal sessjonijiet ta' tahrig (training). Jekk is-sewwieq ma jkunx liebes skond ir-regolamenti, ma jithalliex jittrenja jew isuq.
1.2.5 Ingwanti (racing glooves) u driving shoes huma rakkomandati li jintuzaw.

1.3. Is-Sewwieq
L-ebda sewwieq ma jista' jaqsam il-korsa biex iqassar jew biex jghaddi minn x'imkien iehor, hlief dik it-triq indikata bhala korsa.

1.4. Kull kompetitur irid jinnomina persuna wahda sabiex tidhol tassisti mieghu waqt il-kompetizzjoni. Dan barra l-ghodda li jrid ikollu u li dejjem tinzamm fil-paddock.
Jista' jkollhom xi boards bin-numri jew dettalji ohra ghall waqt it-tigrija.

1.5 Numri. In-numri li juza' l-kompetitur jridu jkunu:
1.5.1 Dawk moghtija lilu mill-ASMK, jew ta'l-istess tip u daqs li tipprovdi l-ASMK.
1.5.2 Ebda kompetitur ma jista' jbiddel in-numru minghajr l-approvazzjoni ta' l-ASMK.
1.5.3 Fuq pjanca bajda b'numri suwed fuq is-saqaf tal-karozza, fuq il-bieba l-baxxa, u fuq il-bonnet ta' quddiem fuq in-naha tax-xellug.
1.5.4 Mhux anqas minn 6 pulzieri (150mm), u stijl 'Block Numbers', (20mm wiesgha).

1.6. Kull kompetitur irid jiffirma d-dokument fl-Applikazzjoni ghall Affiljazzjoni mal-ASMK li permezz tieghu, l-istess kompetitur jesonora lill-ASMK minn kull responsabbilita ghall danni ta kull xorta li jista' jiffaccja qabel, matul u wara l-kompetizzjoni jew b'rizultat ta xi incident.

1.7. Kull sewwieq irid jobdi l-istruzzjonijiet tal-Marshalls jew ufficjali ohra, kemm waqt il-kompetizzjoni u / jew l-attivita' kollha.

1.8. Kull protest ghandu jsir bil-miktub, minn sewwieq tal-gurnata (jista jitlob ghajnuna t'ufficjal), mhux aktar tard minn 30 (tletin) minuta wara li tintem il-kompetizzjoni. Kull protest huwa b'xejn imma irid jigi akkumpanjat minn depozitu skond artiklu 1.13.6, liema depozitu jintilef jekk ma jinsabx l-ebda irregolarita. Il-protest jista' jsir fuq kull karozza li tkun bdiet il-kompetizzjoni tal-gurnata.

1.9. Is-Sewwieq qatt ma jista jidhol fil-korsa minghajr il-permess ta' l-ufficjali prezenti, jew isuq kontra id-direzzjoni normali tal-korsa.

1.10. Multi u pieni fuq hwejjeg ohra li mhux miktuba f'Sezzjoni 1 paragragu 8 ta' hawn fuq jaqghu fid-diskrezzjoni tal-Kumitat tas-Sezzzjoni Autocross, b'approvazzjoni tal-Kumitat Ezekuttiv.

1.11. Protest jista' jsir mill-ufficjali inkarigati u / jew minn kompetitur tal-gurnata biss.

1.12 Kull sewwieq irid jirregistra l-karozza tieghu qabel kull kompetizzjoni. L-ahhar hin li wiehed jista' jirregistra ghall kompetizzjoni ikun nofs siegha qabel il-hin avzat ghat tigrija.

1.13.1 Il-Karozza trid tkun ipprezentata ghall-kompetizzjoni skond ir-regolamenti ufficjali. L-ASMK, permezz ta' ufficjal mahtur biex imexxi l-iskrutineering tista' titlob li l-makna u / jew hwejjeg ohra, jigu miftuha jekk ikun hemm is-suspett li c-cilindrata ta' l-istess makna ma tkunx dik permessa mir-regolamenti. F'dan il-kaz l-ASMK thallas lis-sewwieq l-ispejjes li ragonevolment jidhol fihom il-kompetitur, il-hlas issir biss jekk ma tinstabx l-ebda irregolarita.

1.13.2 Jekk jigi kkonfermat wara spezzjoni mill-Kumitat Ezekuttiv jew b'protest li l-makna ma tkunx skond ir-regolamenti, il-kompetitur

a) Jigi mmultat €500 (Hames mitt Euro).
b) Jigi skwalifkat mhux inqas min (6) sitt attivitajiet tal-kampjonat. Jekk il-kampjonat ikun qrib jew wasal fit-tmiem, il-piena titkompla fil-kompjonat li jkun imiss. Il-kompetitur jitlef ukoll il-punti miksuba fl-ahhar attivitajiet tal-kampjonat, ekwivalenti ghan-numru ta' attivitajiet li jkun gie skwalifkat.
c) Ma jkunx jista' jiehu sehem f'attivitajiet organizzati mill-ASMK matul is-sospensjoni sakemm isir il-hlas tal-multa u lanqas ma jkun jista' jiehu sehem f'kull elezzjoni tal-ASMK inkluz l-AGM jew EGM

1.13.3 Jekk jigi kkonfermat li l-Gearbox wara spezzjoni mill-Kumitat Ezekuttiv jew b'protest li ma tkunx skond ir-regolamenti, il-kompetitur

a) Jigi mmultat €250 (Mitejn u hamsin Euro).
b) Jigi skwalifkat mhux inqas min (3) tlett attivitajiet tal-kampjonat. Jekk il-kampjonat ikun qrib jew wasal fit-tmiem, il-piena titkompla fil-kompjonat li jkun imiss. Il-kompetitur jitlef ukoll il-punti miksuba fl-ahhar attivitajiet tal-kampjonat, ekwivalenti ghan-numru ta' attivitajiet li jkun gie skwalifkat.
c) Ma jkunx jista' jiehu sehem f'attivitajiet organizzati mill-ASMK matul is-sospensjoni kif ukoll sakemm isir il-hlas tal-multa u lanqas ma jkun jista' jiehu sehem f'kull elezzjoni tal-ASMK inkluz l-AGM jew EGM

1.13.4 Jekk jigi kkonfermat ksur ta regolamenti wara spezzjoni mill-Kumitat Ezekuttiv jew b'protest il-kompetitur,

a) Jigi mmultat €100 (Mitt Euro).
b) Jigi skwalifkat mhux inqas min (2) zewg attivitajiet tal-kampjonat. Jekk il-kampjonat ikun qrib jew wasal fit-tmiem, il-piena titkompla fil-kompjonat li jkun imiss. Il-kompetitur jitlef ukoll il-punti miksuba fl-ahhar attivitajiet tal-kampjonat, ekwivalenti ghan-numru ta' attivitajiet li jkun gie skwalifkat.
c) Ma jkunx jista' jiehu sehem f'attivitajiet organizzati mill-ASMK matul is-sospensjoni kif ukoll sakemm isir il-hlas tal-multa u lanqas ma jkun jista' jiehu sehem f'kull elezzjoni tal-ASMK inkluz l-AGM jew EGM

1.13.5 Dak is-sewwieq li jirbah protest minn kompetitur iehor, jinghata kumpens skond artiklu 1.13.6

1.13.6 Kumpens jinghata kif gej

a) Magna €100
b) Gearbox €30
c) Ohrajn €20 sa mhux iktar min €100

1.14. Kemm il-darba l-karozza tinqaleb jew tieqaf;
1.14.1 is-sewwieq jigi eliminat minn dik it-tigrija jekk il-karozza tintmess mill-marshals helpers, ecc.
1.14.2 Is-sewwieq jigi eliminat minn dik it-tigrija jekk qabel tieqaf it-tigrija il-karozza tintmess mill-Marshals, Helpers, ecc.
1.14.3 Is-sewwieq ma jistax johrog mill-karozza (jekk ma' jkunx hemm urgenza) qabel ma jkun infurmat mill-Marshals jew Safety Officer.
1.14.4 Jekk il-karozza tinqaleb u terga' tigi fuq ir-roti minghajr ghajnuna barranija, tista' tibqa sejra. Jekk le, tirtira.

1.15. Jekk l-mgieba tas-sewwieq ma tkunx skond l-ordni u r-rispett, kemm lejn l-ufficjali, is-sewwieqa u / jew persuni ohra, jigi skwalifikat immedjatament u awtomatikament. Il-Kumitat tas-sezzjoni jiddeciedi kull azzjoni addizzjonali u din tinhtieg l-approvazzjoni tal-Esekuttiv ASMK.

1.16. Is-sewwieqa jridu jahtru mhux inqas minn zewg rapprezentanti li jiddeleqawhom ghal xi diffikultajiet waqt il-kompetizzjoni. Is-sewwieqa jridu juzaw iz-zewg Rapprezentanti tas-Section ghal xi diffikultajiet waqt il-kompetizzjoni.

1.17. Il-Kumitat izomm id-dritt li jzid, inaqqas u / jew ibiddel ir-regolamenti skond kif ikun mehtieg matul iz-zmien. Dawk ir-regolamenti miftehma huma obbligatorji daqs dawk miktuba.

1.18.1 Hadd ma jista' jidhol fit-tigrija wara li din tkun bdiet, anki jekk dan / dawn kien imisshom isuqu f'din il-Heat / tigrija.

1.18.2 Min waqt tigrija jolqot karozza wieqfa fil-Korsa (Bandiera Safra murija) dan jehel Black Flag. Dawn jghoddu minn dawk l-10 punti ta' Penalita.

1.19. Il-Korsa:- Il-Kumitat izomm id-dritt li jbiddel il-qies, shape, direzzjoni tal-korsa, izid, inaqqas in-numru ta' laps, jikkancella l-attivita, skond kif mehtieg fic-cirkustanzi prezenti jew tal-gurnata.

1.20.1 It-tigrija:- It-tigrija tal-gurnata tibda minn x'hin titla' l-ewwel polza. Wara l-polza, hadd ma jista' jibdel il-karozza registrata / il-polza. L-ewwel polza titla' 15 il-minuta qabel il-hin avzat.
1.20.2 Jekk sewwieq jibdel il-karozza minn attivita ghall ohra il-punti jitnizzlu fuq is-sewwieq u mhux fuq il-karozza.

1.21. Jekk wara li titla l-polza jigi rrapurtat li hemm zball u dan jigi ikkonfermat mir-Race Director il-polza trid terga titla mil-gdid.

1.22. Il-Kamjonat huwa mifrux fuq 12 il-tigrija. Dawn jistghu ivarjaw fix-shape u direzzjoni taghhom wara li jkunu ntghazlu bil-polza li titla apposta ghall dan il-ghan fl-ewwel laqgha li ssir ghal membri Autocross qabel jibda il-kampjonat.

1.23. L-AGM:- Min ma jattendix ghall-AGM minghajr raguni valida u din trid tkun approvata mill-Ezekuttiv, jhallas €5 zejda ma kull registrazzjoni ghall kompetizzjoni tal-Kampjonat. Dan il-hlas jibqa jsir f'kull attivita sa l-ahhar tas-sena li fiha jkun sar l-AGM tal-ASMK.

1.23.1 Kull sewwieq li jattendi l-AGM (75% tal-Laqgha) jibda il-kampjonat b'10 punti fil-klassifika nazzjonali.

1.24.1 Kull sewwieq li jkun imissu Marshall u ma jinzielx bhala Marshall it-tigrija li jkun imiss jibda b'zewg punti inqas fil-gurnata kif ukoll jitnaqsulu zewg punti min dawk l-ghaxar ta Penali.
1.24.2 Marshall Points ma jistax ikollom iktar min zewg persuni fuq kull point

1.25. Jekk driver ma jsuqx darbtejn fl-ewwel ghaxar events ma jkunx jkun jista jsuq fl-ahhar zewg attivitajiet tal-Kampjonat. Driver gdid jista jinzamm milli jippartecipa fl-ahhar zewg attivitajiet.

1.26. Kull sewwieq huwa obbilgat li jattendi ghad-drivers briefing.

(a) Kull sewwieq li jattendi id-drivers briefing ser ikun mitlub jiffirma fuq attendance sheet.
(b) Kull sewwieq li jkun ir-registra ghat-tigrija tal-gurnata u ikun prezenti waqt id-drivers briefing se jkun qed jibda il-gurnata b'zewg punti bonus points. Dan il-punti jinghaddu mat-total tal-punti tal-gurnata.
(c) L-attendenza ser tkun f'idejn l-ufficjal inkarigat.

1.27. Qabel tibda l-attivita tal-gurnata kull driver irid jaghmel zewg (2) Laps ta' Warm-Up kif ordnat mill-ASMK. Dawn il-Laps iridu jsiru minn kull sewwieq kull darba li s-sewwieqa jigu ordnati jaghmlu dan bhal per-ezempju, wara li tixxarrab il-korsa.

1.27.1 Kull meta jigi deciz li jsiru Warm-up Laps il-hrug mill-Paddocks isir kif gej:-

(a) Mal-bidu tal-gurnata il-hrug mill-paddock isir biss mill-Paddock Officals ta Paddock Numru 1 u 2.
(b) Dan il-hrug ikun alternat min Heat ghal ohra u min attivita (data) ghal ohra u dan skond il-kaz partikolari.
(c) Il-Hrug issir skond kif jigi ordnat mill-Paddock Officjal, min jipprova jibqa fil-paddock minghaijr raguni valida dan jehel zewg punti mit-total tal-gurnata bhal penali.

(d) Kull sewwieq li jkollu il-hsara u jaf li ma jistax jinzel fil-hin irrid jinforma lil Paddock Official biex jinghatalu permess.

1.28. Kull driver irid joqghod f'Marshal Point (1 – 5) skont kif titla l-polza ta' dik il-Heat. Dawk li jkunu fir-Raba' Heat jibdew Marshals bil-Bandiera Safra fl-ewwel polza. Wara it-Tieni tigrija ta kull Heat dawn jinbidlu mad-drivers li jkunu saqu fl-Ewwel tigrija. Dan jghodd ghall kull wahda mill-Heats.

1.29 Il-Pawsa bejn heat u ohra ma jkun iktar min tletin (30) minuta. Dan ma jkun applikabli meta il-gurnata tkun tinkuldi is-sezzjoni Motocross jew xi sezzjoni ohra.

1.29.1 Il-Hin tal-pawsa jista jigi mibdul skond ic-cirkustanzi tal-gurnata fit-tmexxija tal-attivita. Jekk dan issir is-sewwieqa jigu infurmati bil-hin il-gdid.

**Sezzjoni 2.**

**Regolamenti tal-Kompetizzjoni.**

2.1.1 Il-korsa jkun fiha straights ta' mhux aktar minn 600 pied, (200 metru) li jkunu wiesa' mhux nqas minn 25 pied, (8 metri) u l-ewwel kantuniera mill li-start ma tkunx il-boghod izjed minn tliet mitt pied, (300 ft. / 100 metru).

2.1.2 Fejn il-karozzi javvicinaw xi paddock jew post fejn hemm in-nies, trid tinholoq Chichane biex tnaqqas il-velocita tal-vetturi.

2.2. Sewwieq li jkun irregistra il-karozza fil-waqt izda jasal tard ghat-tigrija, dan jitlef postu ghall dik il-Heat jew tigrija biss. Dan jista jidhol fil-kompetition fir-round li jmiss.

2.3. Kull sewwieq irid jirregistra il-karozza tieghu fil-hin stipulat mill-ASMK. Jekk dan ma jsirx, is-sewwieq ma jkunx jista jippartecipa f'dik il-kompetizzjoni jew attivita. L-ahhar hin li wiehed jista' jirregistra ghall Kompetizzjoni tal-Kampjonat hu 30 minuta qabel il-hin avzat ghall dik l-attivita.

2.4 L-ebda mbuttar volontarju, accidentali jew sewwieq isakkar in-naha ta' gewwa tal-korsa, isallab fil-korsa quddiem karozza vicin tieghu ma' huwa permess. Dan jigi meqjus bhala sewqan perikoluz.

2.5.1 Driver isallab quddiem karroza vicin warajh – dan jintwera il-"Bandiera Bajda bis-Salib Blu".

2.5.2 Jekk dan id-driver ikompli b'din il-mossa, dan jintwera il-"Bandiera Blu Tperper" li tfisser:- **Halli lill ta warajk jghaddi.**

2.5.3 Jekk id-driver jibqa ma jobdix il-"Bandiera Blue", awtomatikament jinbidel ir-Rizultat Finali ta dik it-tigrija. Dan jista jghodd ghal numru ta karozzi li jkunu qed jigu ostakolati min din l-azzjoni.

2.5.4 Tista tohrog il-"Bandiera Blu" mill-ewwel jekk it-tigrija tkun waslet lejn l-ahhar Lap jew it-tmiem.

2.5.5 Imbuttar volontarju u/jew accidentali huma fid-diskrezzjoni tar-Referee

**2.6. Start.**

2.6. Id-dwal ta' li-Start huwa kollu Ahmar, li jfisser Rev malli jigi mixghul. Kif jintefa jfisser TLUQ. Dawk is-sewwieqa li jkollhom xi diffikulta fuq li start iridu jinfurmaw lill li-starter Ufficjali QABEL u mhux wara. Is-sinjal lill li-Starter Marshal huwa billi jxejjer idu minn gol-windscreen.

2.7. Pole Position. Meta jintghazlu is-sitt (6) finalisti tal-gurnata, dawn jiehdu posthom fuq li Start Line skond polza gdida li titla' dak il-hin. Hadd ma jista jibdel postu. Dan jghodd ghall Klassi A u B.

2.8. Jekk sewwieq ma jkunx prezenti u lest fuq li-Start Line fi zmien zewg minuti, dan jigi eliminat ghal dik it-tigrija, anke jekk din tkun il-finali tal-gurnata. Il-Hin izzomhu l-istarter tal-gurnata.

2.9. False Start. Dak is-sewwieq li jaghmel False Start darbtejn fl-istess start, jigi eliminat ghal dik it-tigrija biss, anke jekk din tkun il-finali tal-gurnata. Dan ma jiehu l-ebda punti jew premju ta' din it-tigrija.

2.9.1 Starting line huwa iffilmjat il-hin kollu waqt l-attivita. Sewwieq (f'dik il-Heat) jista jitlob lill-Amministrazzjoni biex jara l-filmat wara li jipprotesta li kien hemm False Start. Dan jista jsir sa 15 il-minuta wara li jispicca dak il-Heat.

2.9.2 Kull protest jista issir biss mil-kompetitur li qed jiehu sehem f'dak l-istarting line. Kull protest irrid ikun akkumpanjat 'b'depozitu ta €20 (Ghoxrin Euro).

2.9.3 Jekk jigi ikkonfermat li kien hemm False Start, is-sewwieq li jkun ghamel il-False Start jitnaqsulu 4 punti min dik it-tigrija. Jekk ma jkollux bizzejjed punti jkompli l-gurnata bid-dejn. F'kaz li jigi innutat False Start fuq karozza ohra mhux irrapurtata l-Kumitat Amministrativ huwa obbligat li jiehu passi skond kif imsemmi f'dan l-artiklu iktar il-fuq.

2.10.1 Red Flag waqt tigrija. Jekk tigrija titwaqqaf permezz ta' 'Red Flag' meta jkunu tkomplew aktar minn nofs il-laps mill-leader tat-tigrija dak il-hin, it-tigrija tispicca hemm u ma tergax issir. Jekk ma' jkunux saru aktar minn nofs il-laps, it-tigrija trid terga issir. Rizultat johrog skond l-ahhar Lap Registrata fuq il-'Finish Line'.

2.10.2 Karozzi li kienu irtiraw mit-tigrija qabel harget ir-'Red Flag' ma jistghux jiehdu sehem fir-Re-Start jekk dan jerga jsir.

2.11. Direzzjoni tat-tigrija. Xi numru ta' tigrijiet tal-Kampjonat jistghu jsiru fid-direzzjoni opposta ta' dik li soltu jsiru it-tigrijiet. Dan (sa fejn hu possibbli) ghandu jigi avzat lill membri fi zmien ragonevoli

2.12. Ir-Referee tal-gurnata jista jwaqqaf it-tigrija jekk sa l-ewwel kantuniera ikun hemm xi kollizzjoni li din tharbat il-kompetituri kollha. Dan ma jeskludiex li referee jista jiehu passi (permezz ta Bandiera Warning u/jew Black Flag) fuq il-kompetitur/i li jkunu holqu dan l-incident. Race Director ghandu jiddecidi meta u f'xhin ghanda issir ir-Re-start.

**2.13. It-Tigrija:-**

2.13.1 Is-sewwieqa li jkun prezenti dakinhar tal-kompetizzjoni, jiehdu sehem fi tliet tigrijiet Heats u Finali li jsiru hekk; In-numru tal-Heats u tal-Laps fil-Heats u l-Finals jista jitnaqqas skond ic-cirkustanzi.

2.13.2 Permezz ta' polza li tittella ghal kull tigrija (Heat), is-sewwieqa jsuqu fi gruppi ta' mhux anqas minn erbgha (4) karozzi, imbarra f'cirkustanzi li ma jkunx hemm kontroll fuqhom.

2.13.3 Is-sewwieqa jinghataw puntegg skond il-pozizzjoni finali f'kull tigrija / Heat.

2.13.4 Dawn it-tliet (3) Heats ikunu ta' hames (5) laps il-wahda jew b'Sitt (6) Laps jekk b'sitt (6) karozzi fuq li Start Line.

2.13.5 Il-finali, li ssir fuq mhux inqas minn seba' (7) laps u mhux iktar min (9) Laps, issir bejn is-sitt (6) karozzi li jkollhom l-akbar numru ta' punti waqt il-heats (penali mnaqqsa). Fil-kaz li jkun hemm 'tie' (parita) ghas-sitt post jew xi post iehor, jigu kkunsidrati il-punti Totali fit-tliet tigrijiet preliminary izda bil-punti ta penali mnaqqsa jekk ikun hemm. (Ez Num.1, 9+9+9+Warning = 24points) (Ez Num.2 iehor 9+9+6 = 24points) Ezempju Num1 jirbah fuq Ezempju Num2 bhal preferenza biex jintazel ghal final ital-gurnata. F'kaz ta' l-istess rizultati, il-post jittella bil-polza. Min jitla' bil-polza, jsuq.

2.13.6 L-ufficjal inkarigat mill-attivita (Race Director) tal-gurnata ghandu d-dritt li jqassar in-numru ta' laps skond kif jidhirlu mehtieg, skond ic-cirkustanzi tal-gurnata.

**2.14. Introduzzjoni tal-Kampjonat Nazzjonali ASMK Autocross. (2013 – 2014)**

Punti fil-finali Klassi "A", liema punti jghoddu ghall kampjonat, jinghataw hekk:-

| Pozizjoni | Punti ghal Klassi **'A'** | Punti ghal Kampjonat Nazzjonali |
|---|---|---|
| 1 post | 9 punti | 25 punti |
| 2 post | 6 punti | 22 punti |
| 3 post | 4 punti | 20 punti |
| 4 post | 3 punti | 18 punti |
| 5 post | 2 punti | 16 punti |
| 6 post | 1 punt | 14 punti |

Punti fil-finali Klassi "B", liema punti jghoddu ghall kampjonat, jinghataw hekk:-

| Pozizjoni | Punti ghal Klassi **'B'** | Punti ghal Kampjonat Nazzjonali |
|---|---|---|
| 1 post | 9 punti | 12 punti |
| 2 post | 6 punti | 10 punti |
| 3 post | 4 punti | 8 punti |
| 4 post | 3 punti | 6 punti |
| 5 post | 2 punti | 4 punti |

| | | |
|---|---|---|
| 6 post | 1 punt | 2 punti |

2.14.2 Punti waqt il-Heats tal-gurnata jinghataw fuq l-istess skeda t'hawn fuq, (Klassi). Dawn il-punti jispiccaw hekk kif jinghazlu il-Finalisti ghall Klassi "A" u "B".
Il-Punti Finali Klassi "A" u "B" jghoddu ghall kampjonat Nazzjonali tal-ASMK taht Klassifika wahda. Imma l-ASMK xorta tghati Trophy li rebbieh u Runner up fil-Kampjonat Nazzjonali u Klassi A u B.

2.14.3 Fil-kaz li jkun hemm 'tie' (parita) ghal xi post fil-klassifka tal-Kampjonat jigu ikkonsidrati l-iktar l-ghola placing.

**2.15. Bandieri.**

| | | |
|---|---|---|
| 2.15.1 | **Start** ……………………………… | **Bandiera** Nazzjonali |
| 2.15.2 | **Hamra** ……………………………. | **Periklu**, kullhadd jieqaf u jitfi l-magna. |
| 2.15.3 | **Hadra** ……………………………… | **Korsa Normali** (OK) |
| 2.15.4 | **Safra** ………………………………. | **Diffikulta** jew periklu fil-korsa, (naqqas li speed u ma jistax isir Overtaking bejn il-bandiera u l-ostaklu fil-korsa). Ara Sezzjoni 6 Paragrafu 3. |
| 2.15.5 | **Blu Halli** | lill ta' warajk jghaddi. |
| 2.15.6 | **Bajda b'salib blu** | **Zomm** side fil-korsa (issakkar lill hadd). |
| 2.15.7 | **Bajda b'salib iswed dijagonali,** | **L-ahhar** Lap. |
| 2.15.8 | **Kaxxi Bojod u suwed** | **Tmiem** it-tigrija. |
| 2.15.9 | **Sewda bi djagonali bojod,** | **WARNING.** Meta din tintwera lill kompetitur, dan jonqsulu 3 punti kull darba li jinghata warning. Mal-bandiera, jista jintwera in-numru tal-vettura. |
| 2.15.10 | **Sewda** ………………………… | **Skwalifikat.** Jekk din tintwera lill kompetitur, anke jekk fl-ewwel heats tal-gurnata, dan jigi eliminat ghal-bqija tal-gurnata. Minn jinghata bandiera Sewda, jonqsulu 5 punti mir-riserva ta' ghaxar punti ta' waqt li stagun. |
| 2.15.11 | **Sewda b'cirku ahdar**……….. | Ghandek xi hsara mekkanika izda tista' tibqa sejjer |
| 2.15.12 | **Sewda b'cirku orange.** ……….. | Irtira minhabba sitwazzjoni perikoluza tal-karozza. |

**2.16. Beginners fil-Kampjonat Autocross.**

2.16.1 Dawn iridu ta' lanqas jaghmlu 6 (sitt) sezzjonijiet ta' 10 (ghaxar) minuti 'l wahda ta' sewqan stil kompetittiv fil-korsa, Practice Runs, fil-prezenza ta' Ufficjali inkarigati mill-ASMK. Il-Beginner irid jinforma l-Ufficjal Autocross dwar dan it-tahrig li jsir fid-dati Ufficjali tat-Tahrig tal-Autocross. Wara dawn il-Practice Runs, il-kompetitur jithalla jsuq fil-kampjonat jekk jinghata 'Passed Test' mill-Ufficjal 'Race Director' bi qbil ma' l-Ufficjali tal-Kumitat Autocross tal-ASMK.

2.16.2 Ghall-ewwel zewg attivitajiet, sewwieq Beginner:-
Ma jistax jikkompeti fil-finali tal-gurnata, dik ta' Klassi 'A' minn l-1 sa 6 post. Izda jithol fi Klassi B

2.16.3 Irid jiehu l-ahhar post fuq li-Start (waqt il-Heats), minkejja li l-polza tkun telghet differenti, anki fil-Finali "B".

2.16.4 iwahhal sticker Safra b'Salib iswed diagonali. Din titwahhal fuq il-faccata ta' wara tal-karozza in-naha tal-lemin, u madwar 75cm il-fuq mill-art. Qies :-
Kwadru Isfar ta' 20cm X 20cm. Linji Suwed tas-Salib ta' 3cm X 3cm.

2.16.5 Dan irid jaghmel mhux inqas min 6 attivitajiet bil-sticker imwahhla.

2.17. Sewwieqa ohra. Sewwieq li jkun ilu ma jikkompeti fil-kampjonat ASMK ghal Zewg (2) staguni, jigi meqjus "Beginner" u jista jiehu sehem f'kompetizzjonijiet mal-Helpers / jew tigrijiet organizzati ghal "Ex-Drivers" skond il-kaz partikolari.

**2.18.** **Starting Line:-** Fuq li start, id-Driver irid ikollu xi haga mekkanika sabiex il-karozza ma timxix / tibqa' 'Staged', (ez. Hand brake / line lock, ecc.). Meta il-karozza tkun stejgjata u din timxi qabel is-sinjal ta d-dawl tal-istart, dan jitqies "False Start".

2.19. Kull Driver li se jiehu sehem fil-kompetitzzjoni irid ikun liebes Driving Suit. Hwejjeg Casual mhux permessi.

2.20. Min fuq li Start kull driver irid izomm dritt u ma jistax jikkrossja bejn li Start Line sal-Flag Marshal (u iktar) kemm il-darba dan ikun ghadu 'Side-by Side' ma kompetitur/I ohra.
Min jikkrossja jiehu Warning u jekk iwaqqaf lil xi hadd kawza tal-azzjoni tieghu dan jiehu Black Flag. Din tizdiet f'sezzjoni Num.6

2.21. Karozza li tieqaf qabel il-Bandiera tal-Finish.
2.21.1 Il-pozizzjoni tal-Placings u l-punti fi tmiem it-tigrija jew Heat/Finali, jinhadmu fuq in-numru ta Laps ghal kull kompetitur.
2.21.2 Jekk driver jirtira (jieqaf) mit-tigrija Heats jew Finals (ghall kwalunkwe raguni jekk mhux imwaqqaf mir-Race director) (Skond Artiklu Sezzjoni 1 Num15) ghal aktar minn zewg (2) Laps, jew aktar, dan ma jkunx jista jkompli dik il-Heat jew Finali minkejja li jkun baqa fil-korsa.
2.21.3 Dan jiehu l-punti skont il-pozizzjoni finali tat-tigrija jekk ma jkunx ha Black Flag. Jekk jipprova jkompli it-tigrija dan ghandu jintwera il-Bandiera Sewda bic-cirku Orange biex jitwaqaf.

2.22. Jekk karozza tohrog mit-tigrija u tidhol f'xi wiehed mil-paddocks, ma tistax tkompli it-tigrija.

2.23. Jekk il-karozza tieqaf u wara numru ma laps jerga jibda jimxxi minghaijr ghajnuna barranija jista ikompli minghaijr ma telef lil haddhiehor waqt l-istess tigrija. Jekk karroza tieqaf post periklus l-ufficjal tal-ASMK jista jordna li din titwarrab

**Sezzjoni 3**
**Safety.**

**Body tal-vettura:**
3.1.1 Irid ikun tal-fabbrika u f'kundizzjoni tajba. Body / chassis bicca wahda, i.e. (unitary construction / jew bis-sub-frames tal-fabbrika). **Materjali mhux tal-maker ma jistghux jintuzaw.**
3.1.2 Dashboard. Jekk din tkun parti integrali mill body u jekk titnehha, is-sewwieq irid iwahhal pipe mimdud mas-saqajn tar-roll-cage flok id-dashboard li tkun tnehhiet. Din trid tkun ta l-istess material tar-Rollcage.
3.1.3 **Tailgate. Din trid tibqa fil-post originali.** Tista tigi wweldjata. Din jekk titnehha trid issir pjanca mill-livel tal-higga l-isfel.
3.1.4 Bonnet ta' quddiem u wara. Jrid ikollhom pjanca tonda jew kwadra (50mm) fejn jehlu s-Safety pins. Irid ikolhom pinnijiet jew xi hag'ohra biex jizguraw li jibqghu mwahhlin mal-body tal vettura anki f'incident.
3.1.5 Stressed Panels ma jisghux jitnehhew jew isirilhom toqob biex jithaffef il-body. Jekk jitnehhew, dawn iridu jinbidlu bi pjanca ta' materjal bhall dik li tnehhiet. Dan japplika b'effet immedjat fuq il-karozzi l-godda u fuq il-karozzi ezistenti jibda japplika mill-kampjonat 2014/2015.
3.1.6 Jistghu jigu modifikati biss il-bonnet ta quddiem, it-tailgate jew bieba tal-bagoll ta wara, il-bieba tad-driver u tal-passiggier ta quddiem biss. Jekk jitnehha id-dashboard originali trid issir pipe ohra flok id-dashboard mill-istess materjal tar-rollcage

3.2.1 Roll Cage:
Trid tkun fuq sitt ponot u tkun padded hdejn ras is-sewwieq. Trid tkun mahduma minn pipes ta' (32 mm) 1.25 pulzier (pulzier u kwart) diametru u ta' (3 mm) 1/8 ta' pulzier hxuna. Il-pipes irid ikollhom toqba ta' mhux anqas minn 5/16" (8mm), immarkata biz-zebgha cara, biex wiehed jista jara il-hxuna tal-pipes. Fejn hemm il-welding, (fil-gonot) irid ikun hemm zebgha bajda. Il-pipes vertikali tar-Roll Cage jkunu qrib hafna tal-pilastri vertikali (A post, BC post) tal-vettura.
3.2.2 Saqajn tar-Roll Cage: It-truf tal-pajpijiet iridu jkunu iwweldjati ma pjanci mhux inqas minn 6 pulzieri kwadri, u ta' 1/8 ta' pulzier hxuna, u dawn iwweldjati max-chassis. Jew is-saqajn tal-pipes jigu wweldjati ma pjanci 6 pulzieri kwadri u 1/8" ta' pulzier hxuna u wara jigu marbuta ma' l-art u ma pjanca ohra minn taht il-qieh, (floorboard). Qies tal-bolts: 10mm diametru ta' kwalita 8.8 ISO jew 3/8''pulzier ta' kwalita minima "S".
3.3 Crossbar: Zewg pipes iridu jigi wweldjati mar-Roll Cage, fuq in-naha tal-bieba tax-xufier, wahda mimduda f'livell tas-seat (il-parti fejn toqghod bilqieda) u ohra 6 pulzieri 'l fuq.

3.4 Bieba tas-sewwieq:
a) Flok il-hgiega trid titwahhal xibka tal-hadid mhux akbar minn 1"x 1"x 1/16".
b) Il-bieba tas-sewwieq ma tridx tkun tinfetah: jew tkun iwweldjata jew ibboltjata sew mal-body principali tal-vettura.

3.5 Bieba tal-passigger: Din trid tigi baxxuta biex tohloq passagg ikbar biex jidhol jew johrog is-sewwieq. Ix-xfar fil-pjanci jridu jitnehhew. Il-handle (puwm) tal-bieba jrid jitnehha kemm il-darba din tkun ma tinfetahx.

3.6 Hgieg:- Il-hgieg kollhu, inkluz tal-fanali jrid jitnehha.

3.7 Wiring: Wires zejda u bla uzu jridu jitnehhew u dawk li jghaddu minn gol-body jridu jkunu protetti bi grommets.

3.8 Bumpers: Bumpers u l-brackets taghhom iridu jitnehhew. Jista' jinghata ordni biex isir xi haga alternattiva minnflok, minhabba is-safety. Bumpers moderni (tal-Plastic) jitnehha r-rinforz taghhom u jsiru toqob biex jindikaw dan. Il-Brackets ta' dawn ma jistghux jigu rinfurzati. Dawk il-karozzi li ghandhom il-Bumpers tal-Plastic irid ikollom l-approval mil-Kumitat Autocross biex ikunu jista juzah.

3.9. Tyres:-

3.9.1 Tyres bl- 'E' Mark jew minghajra jistghu jintuzaw. (Ara ir-regolamenti tal-klassi partikolari).

3.9.2 Tyres "Racing", "Industrial" Agrikoltura, Light Truck (LT) mhux permessi.

3.9.3 It-tyres ma' jistghux jigu ssingjati (hand cut). Strides, ktajjen ecc., mhux permessi.

3.9.4 Wire wheels, Split rims, rims tal-hadid imwessa' mhux permessi.

3.9.5 Tyres ikbar minn 185mm ma jistghux jintuzaw, izda d-dijametru tar-rim huwa 'free'.

3.9.6 L-ebda tyre ma' jista' johrog 'il barra mill-body. Dan jitkejjel bli-steering dritt.

3.10 Wheel arches ma jistghux jizdiedu. Dawn huma permessi (bl-istess qies u materjal) jekk kienu originali fuq dak il-body.

3.11. Xfar tal-mudguards. Tista' twahhal virga tonda (6mm / ¼") mad-dawra tal-mudguard. L-ebda xfar il-barra ma' huma permessi.

3.12. Mirja: Il-mera ta' gewwa trid tkun fuq sieq breakable u l-mera ta' barra tat-tip "Racing".

3.13. Wipers. Wipers, pinnijiet u ohrajn iridu jitnehhew.

3.14. Xfar. Xfar madwar u minn gewwa tal-vettura kollha jridu jitnehhew.

3.15. Bonnet Pins: Kemm fuq quddiem u fuq wara, dawn iridu jkunu tal-hadid biss. Dawn irid ikollhom 'washers' kbar (50mm tond / kwadru) qabel jehel is-Safety pin.

3.16. Bonnet Lock: Il-lock tal-bonnet irid jitnehha izda is-saftey catch tista' tibqa f'postha.

3.17. Seat tas-Sewwieq: Dan irid ikun kwalita tajba, u marbut sod f'post wiehed ma' l-art.

3.17.2 Is-Seat ta Driver ghandu ikun marbut sod u jekk is-seat qieghed fuq ir-rail irid jigi weldjat 75% tar-railing ta l-istess seat. Ir-Rail ta Seat jista jitnehha u is-seat jintrabat flat bar u/jew Hollow section.

3.18. Headrest: Irid ikun hemm ilqugh addattat ghal ras is-sewwieq. Dan ghal fini ta' Safety.

3.19. Seat Belt: Marbut mal-vettura ta' lanqas fuq tliet ponot, jekk jista' jkun fuq 4 ponot. Il-ponot kollha jridu jkunu marbuta sodi mal-vettura u fid-direzzjoni tal-gibda. Dawn jistghu jehlu fil-post originali tal-vettura, jew f'post iehor bil-bolts (7/16" / 11mm) u bil-washers (1/8" / 3mm plate, ta' 50mm kwadru / tond). Seat belts tar-rukkell, (re-tractable), mhux permessi.

3.20. Silencer:-

3.20.1 Il-pipe tas-silencer irid ikun il-boghod mit-tyres u t-tank tal-petrol, u ma jttajjarx it-trab ta' taht il-vettura. Jekk mhux kif miktub, il-vettura ma tibdiex u / jew titwaqqaf mit-tigrija.

3.20.2 Il-hoss li johrog mill-vettura jrid ikun mhux aktar 84dB, imkejjel minn distanza ta' 36pied (11 metru) u f'post ta' 90° mal-gemb tal-vettura, meta l-magna tkun iddur mhux inqas minn 75% ta' l-RPM taghha waqt il-kompetizzjoni.

3.20.3 Is-silencer / pipes tieghu ma jistghux jghaddu minn gal-passenger compartment.

3.21. Throttle Linkage: Dan irid ikun f'kundizzjoni tajba, ikollu molla mal-pedala u ohra mal-karburatur.

3.22. Batterija: L-ahjar tkun issigillata. Din trid tkun marbuta b'mod sod u mghottija kemm jista' jkun b'recipjent tal-plastic, f'kaz li tinqaleb il-vettura.

3.23. Pipes tal-Brakes: Dawn iridu jkunu jghaddu mill-post originali jew minn gewwa tal-karozza. Il-pipes tal-lastiku (flexble pipes) iridu jkunu protetti bi stone guards. Il-pipes tal-hadid iridu jkunu marbuta sodi ma' l-art / suspension tal-vettura.

3.24. Petrol tank: Dan irid ikun:-
3.24.1 fin-nofs tal-luggage booth
3.24.2 marbut (ibboltjat) sod mal-qiegh / 'rear seat panel'.
3.24.3 Jesgha mhux aktar minn 3 galluni (15 'l litru)
3.24.4 L-area tat-tank tkun issigillata mill-post tas-sewwieq b'materjal Fire-proof minhabba kaz ta' nar.
3.24.5 Jista jintuza it-tank tal-plastic tal-petrol kemm il-darba dan ikollu fih il-pompa tal-petrol tal-Fuel Injection bhala parti integrali mit-tank
